MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Rikors Numru. 34/2005

**Francesca Pulis**
**vs**
**Kummissarju ta' l-Artijiet,**
**Registratur Principali tal-Qrati tal-Gustizzja u l-Avukat Generali**

## Il-Qorti

## Preliminari

Rat l-**att tar-rikors** ta' Francesca armla ta' Giuseppe Pulis li permezz tieghu ir-rikorrenti ppremettiet illi:

Illi b'avviz ghall-ftehim mahrug taht l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici il-Kummissarju ta' l-Art kien gharraf lil Giuseppe Pulis et bhala sidien ta' l-

art li kellha tittiehed mill-gvern taht dik l-Ordinanza bil-kumpens li l-Gvern kien qieghed joffri li jhallas ghat-tehid ta' l-art. L-intimati Pulis et b'ittra ufficjali tat-28 ta' Gunju 2000 u ohra tal-15 ta' Jannar 2001 stqarrew illi ma accettawx il-kumpens offert.

Illi ghalhekk b'rikors tas-7 ta' Jannar 2000 quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet (Ref 1/2002/1) il-Kummissarju ta' l-Art talab illi dak il-bord, wara li jiffissa kumpens ghall-art li kellha tittiehed, jikkundanna lill-intimati Pulis et jittrasferixxu l-art lilu, jahtar nutar biex jippubblika l-att relattiv u jahtar kuraturi biex jidhru fuq l-att *f'isem min ma jersaqx* ghall-pubblikazzjoni.

Illi l-intimati kienu wiegbu fid-19 ta' Frar 2002. Kienu qalu *inter alia* illi l-kumpens li ried ihallas il-gvern huwa ''irrisorju u redikolu'', illi l-gvern dahal fl-art u hadha bla ma mexa bil-proceduri li trid il-ligi, u illi ma kienx hemm biss art izda wkoll bini fuqha li twaqqa' u li ma tqiesx il-valur tieghu meta saret offerta' ta' kumpens.

Illi b'digriet tal-15 ta' Marzu 2002 il-bord ordna li ma' l-atti quddiemu jkunu mehmuza l-avviz ghal ftehim u l-atti l-ohra msemmija fir-rikors.

Illi fis-seduta tas-7 ta' Frar 2003 il-bord osserva illi kien ghadu ma sarx dak ordnat bid-digriet tal-15 ta' Marzu 2002.

Illi fl-20 ta' Gunju 2003 *il-bord kien rega' osserva illi ''*fir-rikors hemm dokumenti neqsin''; dak in-nhar il-prokuratrici legali li kienet qieghda tidher ghall-Kummissarju ta' l-Art qalet illi ''pprezentat id-dokumenti li hemm neqsin fir-registru kif suppost kellha taghmel.'' Fil-fatt, izda, fuq ir-rikors tas-7 ta' Jannar 2000 jidher li dak ir-rikors kien prezentat <u>''bla dokumenti''</u>. Is-smigh tar-rikors kien imbaghad thalla differit ghall-10 t'Ottubru, 2003, sabiex isir dak ordnat fil-15 ta' Marzu, 2002.

Illi b'rikors ipprezentat fl-20 ta' Gunju 2003, wara li s-smigh tal-kawza kien gie differit ghall-10 t'Ottubru 2003, l-intimati Pulis, wara li osservaw illi l-Kummissarju ta' l-Art

ma mexiex kif trid il-ligi u l-Kostituzzjoni meta ha l-art taghhom, illi d-dewmien kien qieghed joholqilhom frustrazzjoni ghax huma xtaqu rimedju gust fi zmien ragonevoli, u illi l-Kummissarju kien naqas li jipprezenta d-dokumenti li ried il-bord, u qalu wkoll illi ‘’lesti joqghodu ghal dak li jiddeciedu l-Onor. Membri Teknici tal-Bord u ghal kull kumpens misthoqq’’, talbu illi l-bord ‘’jghaddi ghall-gudizzju finali tar-rikors 1/02JC fi zmien ragonevoli, possibbilment bir-rikjam ta’ l-istess rikors ghal data aktar vicina, mill-10 t’Ottubru 2003 u dana sabiex il-prokrastinazzjoni tar-rikorrent Kummissarju ta’ l-Artijiet tigi rimedjata minn dak l-Onor. Tribunal.’’

Illi b’digriet tat-2 ta’ Lulju 2003 il-bord kien laqa’ t-talba u appunta r-rikors ghall-4 ta’ Settembru 2003. Fl-4 ta’ Settembru 2003 is-smigh kien differit ghas-26 ta’ Settembru 2003. Fis-26 ta’ Settembru 2003 il-bord, wara li rega’ osserva ‘’li fil-process hemm dokumenti nieqsa’’, u ta d-digriet ta’ referenza, baghat l-atti quddiem il-Qorti ta’ kompetenza kostituzzjonali fuq talba ta’ l-esponenti.

Illi meta ngiebu l-atti quddiemha, dik il-qorti, billi d-digriet ta’ referenza kien x’aktarx lakoniku dwar il-kwistjoni preciza li l-bord ried decizjoni ta’ dik il-Qorti dwarha, b’digriet tas-7 ta’ Ottubru 2003 stiednet lill-intimati Pulis ifissru n-natura u r-ragunijiet ta’ l-ilment taghhom, u l-intimati ghamlu dan b’nota ta’ l-4 ta’ Novembru 2003.

Illi l-Kummissarju ta’ l-Art wiegeb fit-12 ta’ Jannar 2004 u ressaq l-eccezzjoni fost l-ohrajn, illi r-referenza ma tiswiex ghax, kemm skond l-art. 4 ta’ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, referenza tista’ ssir biss meta tinqala’ kwistjoni li tolqot drittijiet fundamentali fi proceduri quddiem Qorti, u r-referenza tista’ ssir biss minn “Qorti”.

Illi l-Onor. Prim’ Awla tal-Qorti Civili, b’decizjoni taghha ta’ l-14 ta’ April, 2005, wara li rreferiet ghar-ragunijiet moghtija fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-30 ta’ Gunju, 2006 in re Kummissarju ta’ l-Artijiet versus Ignatius Licari nominee, dik il-Qorti kienet iddecediet illi ‘l-Bord ta’ l-Arbitragg dwar Artijiet ma jitqiesx “qorti”, u ghalhekk l-

istess Bord ma kellux dik is-setgha li jaghmel dik ir-referenza.

Illi peress li l-kumpens ghall-espropju ta’ dik il-propjeta’ jmissu li sar snin ilu u dan baqa’ ma sarx anke wara li l-Kummissarju ta’ l-Art kien jaf b’dawk il-proceduri.

Illi peress li Giuseppe Pulis miet fil-mori ta’ dawn il-proceduri u cioe’ fis-26 t’ April 2005 minghajr ma jgawdi l-kumpens, u Francesca Pulis trid li tkompli bil-proceduri odjerni, qed tintavola dan ir-Rikors Kostituzzjonali u titlob lil din l-Onorabbli Qorti:

Tiddeciedi, li bid-dewmien tal-Kummissarju ta’ l-Artijiet biex jattempora ruhu ma’ dak li gie ordnat jaghmel mill-Bord tal-Arbitragg u li sallum ghad m’ghamlux, qed jonqos gravament u holoq frustrazzjoni lil konjugi Pulis li tali frustrazzjoni kienet parti mill-konsegwenzi tal-mewt ta’ Giuseppe Pulis.

Tiddeciedi, li l-Kummissarju ta’ l-Artijiet kiser u ghadu qieghed  kontinwament jikser id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u dawk Kostituzzjonali (Artiklu 37) meta ha f’idejh propjeta’ privata minghajr ma segwa l-proceduri kompletati bil-ligi dwar l-akkwist ta’ propjeta’ ghall-htigijiet pubblici.

Tiddeciedi li d-dewmien, anke fil-prosegwiment tal-proceduri f’dan il-kaz, qed ikompli jikser il-provedimenti Kostituzzjonali u dawk Ewropea u qed jichad lir-rikorrenti mill-kumpens xieraq lilha dovut.

Tordna li l-Bord ghandu jghaddi ghall-gudizzju dwar il-kumpens misthoqq dwar il-propjeta’ (art u parti minn razzett) fi zmien perentorju kif tiddeciedi din l-Onor. Qorti.

Taghti kumpens xieraq ghall-frustrazzjoni u ghad-dewmien li ga ghadda minn mindu ttiehdet il-propjeta’ u ghad-dewmien li ghad irid ikun hemm sakemm jigu decizi l-proceduri mill-Bord ta’ l-Arbitragg.

Taghti kumpens xieraq ghall-frustrazzjoni u ghad-dewmien li ga ghadda minn mindu tressaq ir-rikors quddiem l-istess Bord ta’ l-Arbitragg u sakemm kien hemm id-decizjoni mill-istess Qorti dwar ir-referenza mill-Bord lil din l-Onor. Qorti u sakemm jinghata gudizzju minn din l-Onor. Qorti. (Just satisfaction).

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet skond il-ligi.

Rat ir-**Risposta ta’ l-Intimati** a fol. 8 tal-process fejn issottomettew**:**

Illi preliminarjament l-esponent ir-Registratur Principali tal-Qrati mhuwiex legittimu kontradittur stante li huwa m’ ghandhux kontroll fuq l-andament tal-proceduri quddiem il-Bord ta’ l-Artijiet.

Illi l-allegazzjoni tar-rikorrent illi l-Kummissarju ta’ l-Artijiet kiser u ghadu qieghed kontiwament jikser id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u dawk Kostituzzjonali, senjatament id-dritt ta’ protezzjoni minn privazzjoni u propjeta’ bla kumpens, meta ha f’idejh propjeta’ privata minghajr ma segwa l-proceduri kontemplati bil-ligi dwar l-akkwist ta’ propjeta’ ghal htigijiet pubblici hija nfondata kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt stante li l-kwistjoni tqajmet sempliciment biex twaqqaf il-proceduri li diga’ inbdew quddiem il-Bord ta’ l-Arbitragg dwar Artijiet meta din setghet ingiebet inizjalment meta ttiehdet l-art da parti tal-Kummissarju ta’ l-Artijiet ghal skopijiet pubblici jekk verament ir-rikorrenti hija tal-fehma li kien hemm ksur ta’ dan id-dritt.

Illi l-lanjanza dwar dewmien hija kompletament infondata stante li l-esponenti ma huma responsabbli ghal ebda dewmien fis-smigh tal-kaz fi zmien ragonevoli, jekk dejjem jirrizulta li kien hemm tali dewmien.

Illi l-allegazzjoni ta’ dewmien da parti tar-rikorrenti hija frivola u vessatorja stante li r-rikorrenti ma hadet l-ebda mizuri biex tiehu azzjoni ghal dak id-dewmien u dan jirrizulta mill-fatt li qatt ma nbdiet l-ebda procedura minnha biex tiffissa perjodu ta’ zmien ghall-avviz ghall-ftehim, jew

biex il-kaz jigi ttrattat b'urgenza, u stante li jekk effettivament jirrizulta li kien hemm dewmien is-sid ser jiehu kumpens ta' 5% per annum u dan ai termini ta' l-Art.12(3) tal-Kap. 88.

Illi l-Kummissarju ta' l-Artijiet u l-esponenti l-ohra bl-ebda mod ma xekklu lill-Bord ta' l-Artijiet milli jiddeciedi fuq il-kumpens li ghandu jinghata lir-rikorrenti.

Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontriha.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;

Rat id-digriet li awtorizza li tigi prezentata kopja tal-process 1/02 a fol 13 et seq;

Rat in-noti tal-partijiet.

**FATTI**

Illi l-fatti li taw lok ghal dan ir-rikors huma s-segwenti.

Fil- 1987 ittiehdet art taht l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici mill-Gvern minghand Giuseppe Pulis et bhala sidien ta' l-art u gie offrut kumpens li ma giex accettat.

Fit-8 ta' Gunju 2000 inhareg l-Avviz ta' Ftehim, Giuseppe Pulis m'accettax il-kumpens b'ittri ufficjali datati 28 ta' Gunju 2000 u 15 ta' Jannar 2001;

Fis-7 ta' Jannar 2002 gie prezentat Rikors 1/02 quddiem il-Bord dwar l-Arbitragg;

Dahlet risposta ghar-rikors fit-18 ta' Frar 2002.

Fil- 15 ta' Marzu 2002 gie verbalizzat mill-Bord li kien jonqos xi dokumenti fil-process;

Ir-rikors gie differit ghal 4/10/02; 7/2/03; 20/6/03; 4/9/03 u 26/9/03 biex jigu nseriti dawn id-dokumenti neqsin izda baqghu ma gewx inseriti, u fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2003 intalbet referenza kostituzzjonali lill Prim Awla minn Giuseppe Pulis.

Ir-referenza kostituzzjonali giet iffissata ghas-7 ta' Ottubru 2003 u nghatat sentenza fl-14 ta' April 2005 li biha l-Qorti ddecidiet li l-Bord ta' l-Arbitragg dwar l-Artijiet ma jistax jitqiesx bhala "qorti" u ghalhekk l-istess Bord ma kellux is-setgha li jaghmel dik ir-referenza.

Fis-26 ta' April 2005 miet Giuseppe Pulis u r-rikorrenti, martu, intavolat ir-rikors kostituzzjonali iehor cjoe dak odjern fejn talbet li dina l-Qorti:

1. Tiddeciedi, li bid-dewmien tal-Kummissarju ta' l-Artijiet biex jottempora ruhu ma' dak li gie ordnat jaghmel mill-Bord tal-Arbitragg u li sallum ghad m'ghamlux, qed jonqos gravament u holoq frustrazzjoni lil konjugi Pulis li tali frustrazzjoni kienet parti mill-konsegwenzi tal-mewt ta' Giuseppe Pulis.

2. Tiddeciedi, li l-Kummissarju ta' l-Artijiet kiser u ghadu qieghed kontinwament jikser id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u dawk Kostituzzjonali (Artiklu 37) meta ha f'idejh propjeta' privata minghajr ma segwa l-proceduri kompletati bil-ligi dwar l-akkwist ta' propjeta' ghall-htigijiet pubblici.

3. Tiddeciedi li d-dewmien, anke fil-prosegwiment tal-proceduri f'dan il-kaz, qed ikompli jikser il-provedimenti Kostituzzjonali u dawk Ewropea u qed jichad lir-rikorrenti mill-kumpens xieraq lilha dovut.

4. Tordna li l-Bord ghandu jghaddi ghall-gudizzju dwar il-kumpens misthoqq dwar il-propjeta' (art u parti minn razzett) fi zmien perentorju kif tiddeciedi din l-Onor. Qorti.

5. Taghti kumpens xieraq ghall-frustrazzjoni u ghad-dewmien li ga ghadda minn mindu ttiehdet il-propjeta' u

ghad-dewmien li ghad irid ikun hemm sakemm jigu decizi l-proceduri mill-Bord ta’ l-Arbitragg.

6. Taghti kumpens xieraq ghall-frustrazzjoni u ghad-dewmien li ga ghadda minn mindu tressaq ir-rikors quddiem l-istess Bord ta’ l-Arbitragg u sakemm kien hemm id-decizjoni mill-istess Qorti dwar ir-referenza mill-Bord lil din l-Onor. Qorti u sakemm jinghata gudizzju minn din l-Onor. Qorti (Just satisfaction).

Legittimu kontradittur

Illi l-intimati qed jeccepixxu preliminarjament li r-Registratur Principali tal-Qrati mhuwiex il-legittimu kontradittur stante li huwa m’ghandhux kontroll fuq l-andament tal-proceduri quddiem il-Bord ta’ l-Artijiet. Ir-rikorrenti invece ssottomettiet li r-Registratur ghandu jkun parti f’dina l-vertenza billi tirritjeni li l-intimat Kummissarju tal-artijiet wiegeb li hu kien ipprezenta d-dokumenti mitluba mill-Bord fir-registru pero’ dawn naqsu, ghalhekk ir-Registratur ghandu jwiegeb ghal dana n-nuqqas.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza “Stafrace vs Agent Registratur tal-Qorti et” tad-9 ta’ Novembru, 1988, fejn il-Qorti osservat li, fi proceduri kostituzzjonali fejn jigi allegat dewmien fi proceduri ordinarji, la r-Registratur tal-Qorti u lanqas l-Onor. Ministru Ghall-Gustizzja ma huma l-legittimi kontradittur i. Fil-fatt, f’kawzi simili, kien jigi accettat li l-legittimu kontradittur kellu jkun l-Onor. Prim Ministru; illum, pero’, bis-sahha tal-emendi li gew introdotti fil-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, partikolarment bl-artikolu 181B, gie carat li l-legittimu kontradittur f’din il-kawza ghandu jkun l-Avukat Generali, kif fil-fatt hu l-persuna li giet citat f’din il-kawza flimkien ma l-intimat Kummissarju ta’ l-Artijiet.

Fil-kaz in ezami jirrizulta li r-Registratur bil-posizzjoni li jokkupa ma jistax jassikura li l-Bord jaghti decizjoni fi zmien xieraq ghax ma jistax jindahal fl-andament tal-kawzi u fit-tieni lok irrizulta mill-provi li meta gie prezentat ir-

rikors quddiem il-Bord dana gie prezentat minghajr dokumenti[1] u ghalhekk ir-Registratur m'ghandu ebda responsabilita' ghal dan in-nuqqas.

Ghaldaqstant, l-ewwel eccezzjoni preliminari ta' l-intimati qed tigi milqugha u r-Registratur Principali tal-Qrati tal-Gustizzja qed jigi estromess minn dina l-istanza.

Talbiet tar-rikorrenti

L-intimat wiegeb ukoll li hames mis-sitt talbiet tar-rikorrenti m'humiex marbutin ma xi artikolu tal-Kostituzzjoni jew Konvenzjoni kif jitlob l-AL 35 tal-1993. L-unika talba ta' natura kostituzzjonali hija dika fejn jissemma l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

Il-paragrafu (1) tar-Regola 3 tar-Regoli tal-1993 dwar Prattika u l-Procedura tal-Qorti (A.L. 35/93), applikabbli ghal dawn il-proceduri minhabba dak li jipprovvdi s-subartikolu (6) ta' l-artikolu 4 tal-Kap 319, jiddisponi li:

*Rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghandu jkun fih, b'mod konciz u car, il-fatti li minnhom jinholoq l-ilment u ghandu jsemmi d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li jkun allegat li jkunu gew, li jkunu qed jigu jew li jkunu x'aktarx ser jigu miksura.*

*Ir-rikors ghandu jispecifika wkoll ir-rimedju mitlub mir-rikorrent: izda l-Qorti tkun tista', jekk ir-rikors jigi milqugh, taghti kull rimedju iehor fil-gurisdizzjoni taghha li tkun tqis bhala aktar xieraq.*

*Nuqqas ta' tharis fir-rikors tal-htigijiet imsemmija ma jaghmilx ir-rikors null, izda l-Qorti tista' f'kull kaz bhal dan, tordna lir-rikorrent jipprezenta nota li jkun fiha l-partikolaritajiet mehtiega.*

Il-Ligi tezigi dana kollu biex ikun assikurat li quddiem din il-Qorti ma jkun hemm ebda dubbju dwar ezattament

[1] Dan gie accettat fir-rikors kostituzzjonali odjern para 6, u fin-nota ta' l-intimati fejn ighidu li d-dokumenti gew prezentati ma' l-Avviz tal-Ftehim.

x'kienet il-kwistjoni kostituzzjonali li kellha quddiemha u dana peress f'materja hekk importanti bhalma huma allegazzjonijiet ta' ksur tad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem, il-Qorti ghandha tkun aktar attenta ghal dik li hija l-forma adoperata fl-atti. Mill-banda l-ohra jekk l-atti jistghu jigu salvati, fis sens li b'xi mod minnha johorgu l-elementi essenzjali, din il-Qorti m'ghandiex tiddikjara l-atti nulli, ghax altrimenti l-formalizmu jkun qed jiehu s-sopravvent fuq is-sustanza (P.A. Kost. Kum Pul vs Joseph Zerafa 12/1/1998)

Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza Bartolo vs Agent Registratur tal-Qorti tal 15/2/1991 {Vol LXXV p 84}, fil-proceduri kostituzzjonali, il-formalita' hija ridotta ghall minimu necessarju u jiddependi kollox mid-diskrezzjoni tal-gudikant li jkun qed jippresjedi, li ghandu jara li jigu salvagwardjati l-principji kollha tal-gustizzja procedurali. Il-gudikant mhux marbut li joqghod biss ghal dak li jista' jkun hemm miktub mir-rikorrent… salv naturalment u kompatibilment mad-drittijiet tal-intimati li ma jigux sorprizi u pregudikati bil-fatt li jigu decizi kwistjonijiet li huma ma kellhomx l-opportunita' li jezaminawhom u jiddefendu ruhhom fuqhom… ghaliex b'hekk altrimenti jigu pregudikati ingustament id-drittijiet tad-difiza. Il-flessibilita' procedurali li ghaliha ghada kif saret riferenza hija illustrata mill-Kostituzzjoni stess fl-artikolu 46(2) fejn il-Qorti hija licenzjata li … anke tmur ultra petita."

Illi fil-kaz in ezami hu car, ghalkemm mhux espress b'mod felici, li z-zewg talbiet basici tar-rikorrenti ta' natura kostituzzonali huma (1) li l-esproprjazzjoni saret mill-Kummissarju tal-Artijiet minghajr u mhux skond il-provvedimenti tal-Ligi u tal-Kostituzzjoni Art 37 u (2) li r-rikorrenti qed titlob rimedju gust fi zmien ragjonevoli minhabba dewmien (ara tieni, tielet u hames talba). L-intimati kienu konsapevoli ta' dawn it-talbiet tant li ittrattawhom esawrjentenment fin-nota risponsiva taghhom. It-talbiet l-ohra la huma ta' natura kostituzzjonali u lanqas ta' natura civili.

<u>Art 37 Kostituzzjoni – esproprjazzjoni skond il-ligi</u>

Il-Qorti ma taqbilx mar-rikorrenti li l-esproprjazzjoni ma saritx skond il-Ligi. Ir-rikorrenti ma ndikat bl-ebda mod liema parti ta' l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni qed tallega li gie miksur u dan rrenda l-posizzjoni ta' intimati aktar difficili biex iwiegebu u jikkontestaw. Nonostante dana pero' jirrizulta mill-provi li l-intimat Kummissarju ta' l-Art segwa l-procedura mitluba mill-artikolu 37. Din kienet inbdiet mill-intimat skond il-Kap 88 u din l-istess procedura ghadha pendenti quddiem il-Bord tistenna l-ezitu ta' dana r-rikors kostituzzjonali, wara li kien diga stenna l-ezitu tar-referenza kostituzzjonali precedenti.

<u>Dewmien</u>

Kwantu ghat-tieni kwistjoni mqajjma mir-rikorrenti, u cioe', l-lanjanza dwar dewmien, il-Qorti tirrileva li ghalkemm ir-rikorrenti f'dan ir-rikors kostituzzjonali ma ghamlet ebda referenza ghal xi artikolu tal-Kostituzzjoni jew Konvenzjoni, jidher li hija kienet qed tirreferi ghall-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, liema zewg artikolu kienu l-bazi tar-referenza li saret mill-Bord ta' Arbitragg fuq talba ta' zewgha Giuseppe Pulis (ara fol 102).

Ir-rikorrenti qed tilmenta dwar in-nuqqas ta' azzjoni da parti tal-intimat quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg fir-rigward tal-prezentata tad-dokumenti rikjesti mill-istess Bord. Hi tirritjeni li l-fatt li l-intimat ma ottemperax ruhhu mal-ordni tal-Bord qed jitawwal il-proceduri u ghalhekk qed jitwal iz-zmien li fih se tircievi kumpens ghat-tehid tal-proprjeta' taghha.

Minn naha l-ohra l-intimat qed jirritjeni li ma kien hemm ebda nuqqas da parti tieghu billi hu kien ipprezenta d-dokumenti li ghal xi raguni ma gewx annessi ma l-atti quddiem il-Bord. Meta hu hareg l-avviz ghal ftehim hu kien annetta d-dokumenti ma l-att gudizzjarju skond l-artikolu 12(1) tal-Kap 88 u ghalhekk fir-rikors li kien ipprezenta quddiem il-Bord ma kienx necessarju li hu jerga jipprezenta d-dokumenti billi dawn kienu diga annessi mal-avviz ghal ftehim li kienu notifikati lir-

rikorrenti. Inoltre l-intimat ssottometta li r-rikorrenti kellha rimedji ordinarju quddiem il-Bord (ez. talba ghas smigh bl-urgenza) u ma kelliex ghalfejn tistitwixxi kawzi kostituzzjonali, wahda wara l-ohra. Dana kollu kompla itawwal iz-zmien inutilment.

Tikkunsidra

Zewg kwistjonijiet principali li jridu jigu konsidrati fir-rigward ta' allegazzjoni taht l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem "*in the determination of his civil rights and obligations, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time*." huma:

(a) liema hu l-perijodu li jrid jigi konsidrat u
(b) jekk dan il-perijodu hux ragjonevoli.

Kwantu ghall-perjodu li jrid jigi konsidrat dan ghandu jkopri l-proceduri kollha. Il-Qorti tiddeciedi jekk hemmx dewmien jew le, wara li tikkunsidra dawk il-proceduri fl-assjem kollu taghhom, u mhux minn xi incident izolat f'dawk il-proceduri. Tali ezami jista' jsir biss wara li jkunu gew konjuzi l-proceduri, salv eccezzjonalment fejn il-ksur ikun diga sar, meta allura l-Qorti tintervjeni u testendi l-protezzjoni taghha (ara PA Kost G. Scicluna vs A. G. et 14/7/1995). *"Length complaints may be examined where the proceedings have not terminated if it is alleged that there has already been unreasonable delay" (Mylnek vs Austria (1992).* F'dan il-kaz ir-rikorrenti qed tilmenta li l-proceduri diga twalu rragjonevolment quddiem il-Bord minhabba l-agir ta' l-intimat.

Dwar jekk il-perijodu hux ragjonevoli jew le, dan iz-zmien m'ghandux jigi determinat in abstracto, imma fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz. F'kazijiet bhal dawn wiehed irid iqis ic-cirkostanzi kollha partikolari f'dawk il-proceduri, u b'mod partikolari:

(1) in-natura u/jew komplessita' tal-kaz in kwistjoni,
(2) il-kondotta tal-partijiet fil-kawza, u

(3) il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorita’ gudizzjarja stess.

L-ebda fattur wahdu ma huwa deciziv, u ghalhekk kull kaz irid jigi ezaminat fuq il-merti tieghu u fil-kwadru tat-totalita` tal-fatti u cirkostanzi.

Dan il-kaz quddiem il-Bord ma kien jipprezenta ebda diffikolta’ jew komplessita’. Lanqas ma jidher li l-awtorita’ gudizzjarja kellha xi responsabilita’ ghal dak li gara.

Fil-kaz in ezami r-rikorrenti qed tilmenta dwar dewmien ghal perjodu bejn il- 15 ta’ Marzu 2002, meta l-Bord ordna li jigu nseriti d-dokument u s- 26 ta’ Settembru 2003 meta saret ir-referenza lill Prim Awla, (l-ewwel kawza kostituzzjonali) perjodu ta’ xi sena u nofs. Dwar il-perjodu antecedenti ghal prezentata tar-rikors quddiem il-Bord jidher li r-rikorrenti mhiex qed tilmenta dwaru; m’hemmx xejn fl-atti f’dan is-sens u lanqas ma jirrizulta li hadet passi biex jigi fissat terminu lill Kummissarju biex johrog l-avviz ghall ftehim. Kwantu ghal perjodu wara 26 ta’ Settembru 2003, l-proceduri quddiem il-Bord gew iffrizati pendenti il-proceduri fuq ir-referenza u fuq dawn il-proceduri. Jirrizulta li Giuseppe Pulis kien talab lill Bord biex il-kawza tmur ghas-sentenza (ara rikors a fol 100) izda minflok fis- 26 ta’ Settembru 2003 talab referenza u wara li din l-procedura giet deciza kontrih, martu r-rikorrenti, (billi Giuseppe Pulis kien lahaq miet) fethet dina l-procedura. Probabilment kieku tkomplew is-seduti quddiem il-Bord, sal lum id-dokumenti nieqsa kienu jsibu posthom fil-process u l-kumpens diga ffissat. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ma tistax tilmenta dwar dan il-perjodu bejn Settembru 2003 il quddiem billi l-intimat ma kellux x’jaqsam ma dan id-dewmien.

Il-Qorti hi tal-fehma li l-perjodu imsemmi ta’ xi sena u nofs bejn Marzu 2002 u Settembru 2003 wahdu mhux zmien ragjonevoli biex dokumenti jigu prezentati fl-atti tal-kawza. Il-proceduri quddiem il-Bord bdihom l-intimat u kien jispetta lilu li jara li l-atti mitluba mill-Bord jigu nseriti mill-ewwel. Ma kienx id-dover tar-rikorrenti li toqghod tigri wara dokumenti li suppost esebixxa l-intimat.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li kien hemm dewmien fil-prosegwiment tal-proceduri quddiem il-Bord li jikser il-provedimenti kostituzzjonali u konvenzjonali.

Meta jigi lez dritt fundamentali ta' persuna ghalkemm dan ma jippruvahx li sofra danni materjali, dan ma jfissirx li m'hemmx lok ghal danni morali, anke jekk biss nominali. Xi mindaqqiet anke s-semplici dikjarazzjoni li kien hemm ksur, tkun wkoll rimedju adegwat (ara sentenza Central Mediterranean Development Corp. Ltd. vs A.G. 8/5/2003).

Fil-kaz in ezami l-Qorti hi tal-fehma li d-dikjarazzjoni li kien hemm ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti ghandu jkun rimedju adegwat fic-cirkostanzi. Il-vjolazzjoni kienet wahda procedurali ta' natura marginali. Jigi rilevat li d-dokumenti suppost kienu disponibbli ghar-rikorrenti. Ghalkemm ir-rikorrenti tixtieq li tinghata kumpens fi zmien ragjonevoli ma jidher li sabet diffikolta' biex flimkien ma zewgha tidba proceduri kostituzzjonali ghal darba darbtejn u li s'issa damu kawzi tlett snin. Kwantu ghal dewmien fil-hlas tal-kumpens, il-Qorti tirrileva li kwalunkwe somma li eventwalment ser tinghata lir-rikorrent se tinghata lilha bl-imghax.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti u tiddikjara li kien hemm dewmien fil-prosegwiment tal-proceduri quddiem il-Bord li jikser il-provedimenti kostituzzjonali u konvenzjonali.
Tichad it-talbiet l-ohra.
Id-dikjarazzjoni li kien hemm ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti ghandu jkun rimedju adegwat fic-cirkostanzi.
Fic-cirkostanzi l-spejjez jithallsu mill-intimat Kummissarju ta' l-art.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------